# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.4

**Kap 7: Jiddispjaċini**

**Lezzjoni 7.4: Inġib ruħi sew**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. jagħrfu xi tfisser imġiba tajba;
2. jiftakru f'sitwazzjonijiet li bihom ngħidu 'iva';
3. jirriflettu fuq l-azzjonijiet tagħhom u jiddiskutuhom.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Vidjow li juri sensiela ta' stampi ta' tfal li qed iġibu ruħhom b'mod negattiv li ma jagħmilx ġid la lilhom u lanqas lil ta' madwarhom. Link:

  https://www.youtube.com/watch?v=CU0EahYsu14&feature=youtu.be

- Powerpoint 1- Niltaqgħu ma' Marvin
- Diska għall-għeluq tal-lezzjoni: https://www.youtube.com/watch?v=3ch239kCT3Q
- Karta ta' taħriġ 7.3 (mill-Ktieb)



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri  l-vidjow li juri sensiela ta' stampi fejn it-tfal qed iġibu ruħhom ħażin: ma jobdux lill-ġenituri u lill-għalliema, jiġġieldu bejniethom, iweġġgħu lil ħaddieħor, ma jgħinux lil xulxin, u affarijiet ħżiena oħra.
- Wara li turi l-vidjow oħloq diskussjoni permezz ta' dawn il-mistoqsijiet:
  - X'rajna fil-vidjow?
  - X'kien hemm? Taħseb li kienu qed iġibu ruħhom b'mod pożittiv jew negattiv? Għaliex?
  - Intom ġieli ġibtu ruħkom b'dan il-mod?
  - Taħsbu li dan sew?
  - Kif għallimna Ġesù? Taħsbu li meta nagħmlu hekk, Ġesù jkun qed jieħu gost?



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Semma' storja dwar tifel li jgħidu 'le' bl-azzjonijiet tiegħu. (Irreferi għal Powerpoint 1- Niltaqgħu ma' Marvin.)
2. Analizza mat-tfal din l-istorja sabiex isservi spunt għal dak li ser jintqal waqt l-lezzjoni tal-lum.
3. Huma ser jaraw kif bħala tfal huma jistgħu jagħmlu diversi azzjonijiet li bihom ikunu qed jonsqu lil ta' madwarhom.
4. Meta ma jobdux u ma jisimgħux minn ta' madwarhom u jgħidu 'le', ikunu qegħdin iweġġgħu lil ħaddieħor waqt li anki jkunu qed iweġġgħu lil Ġesù.
5. Spjega lit-tfal li meta Ġesù kien tifel, dejjem kien jobdi minn ommu u missieru u li meta huma ma jkunux ubbidjenti, ikunu qed iweġġgħu lilu wkoll.

6. It-tfal ser jagħmlu *brainstorming session* sabiex jirriflettu ftit fuq l-istorja li għadhom kemm semgħu.
7. Staqsi lit-tfal kif ħassewhom meta raw lil dak it-tifel iġib ruħu b'dak il-mod. Staqsihom: Għoġobkom kif beda jagħmel? Kienet attitudni pożittiva? Ġieli ġabtu ruħkom hekk?
8. Hawnhekk, it-tfal ser isemmu xi azzjonijiet li huma ġieli għamlu li bihom jafu li naqsu lil ta' madwarhom u li bl-azzjonijiet tagħhom huma kienu qed jgħidu 'le'.
9. Dan kollu ser jitniżżel f'forma ta' *web diagram* sabiex it-tfal ikollhom ċans jikkontribwixxu l-ideat tagħhom.
10. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 7.3 u wara li taqra s-silta u s-sentenzi li hemm f'Attività 1, ħalli lit-tfal ipinġu l-wiċċ addattat. Wara ddiskuti kollox bħala klassi.
11. Spjega Attività 2 u ħalli lit-tfal jesprimu dak li jħossu billi jimlew in-nota.
12. Iddiskuti Attività 3 u asal għall-punt ta' kemm hu importanti li nagħmlu dak li għandna nagħmlu bla ma nistennew xejn lura.
13. Agħlaq il-lezzjoni billi ssegwi l-parti: *Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc*






**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. F'ħajjitna, aħna nagħmlu bosta azzjonijiet li bihom inkunu qed inweġġgħu lil ta' madwarna filwaqt li ngħidu 'le' lil Ġesù.
2. Għandu jiddispjaċina li nkunu qed ngħidu 'le' lil ta' madwarna.
3. Irridu naħsbu fuq l-imġiba tagħna biex ma nirrepetux imġiba ħażina.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal jirriflettu fuq l-istorja li jkunu semgħu biex jirrealizzaw li huma jkunu qed iweġġgħu lil ta' madwarhom (lill-ħbieb, lill-membri tal-familja u persuni oħra) meta jkunu qed jgħidu 'le' bi kliem kif ukoll bl-azzjonijiethom.
2. Jirrealizzaw li Ġesù jiddispjaċih ħafna meta aħna ngħidulu 'le' u jirriflettu kif huma jistgħu ikunu tfal aħjar.
3. It-tfal juru li għandhom rieda tajba u jaħdmu biex ikollhom imġiba tajbma u jaħdmu biex ma jġibus skużi biex jagħmlu dak li hu tajjeb.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Fl-aħħar tal-lezzjoni, it-tfal ser jirrealizzaw li kulħadd f'ħajtu b'xi mod jew ieħor jiżbalja, u allura hawnhekk, tajjeb li t-tfal isibu ftit ħin għall-kwiet filwaqt li wara mumenti ta' kwiet u riflessjoni, it-tfal ser jitolbu maħfra lil Alla.

Agħlaq din il-lezzjoni billi tkantaw diska li fiha nitolbu maħfra lil Alla permezz ta' diska.

*God Loves me- Veggie tales* – hi eżempju ta' li għalkemm aħna mhux dejjem nkunu eżemplari, Ġesù lilna xorta jħobbna.
https://www.youtube.com/watch?v=3ch239kCT3Q



**Nitolbu –** Ningħaqdu flimkien f'talba.



Mulej Ġesù, għinni sabiex f'ħajti nkun

strument li nnissel tbissima lil ħaddieħor u

mhux emozzjonijiet ta' dispjaċir.

Ammen